Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Joseph Busuttil]
[Spettur Stacey Attard]

vs

Alexio Camilleri

**Kumpilazzjoni Numru: 232/2019**

**Illum, 20 ta' Jannar, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Alexio Camilleri** detentur tal-karta tal-identità bin-numru 239395M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-9 ta' April 2019 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet different u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' -Omissis- minuri ta' 14-il sena meta hu hallas is-somma ta' €220 sabiex jitwettaq dan ir-reat;

   *Artikolu 204C (2)(b) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkustanzi xjentement gieghel, ghal skopijiet sesswali, persuni ta' taht l-eta` sabiex jippartecipaw f'imgiba esplicitament sesswali vera jew simulata jew wiri ta' organi sesswali, inkluz permezz ta' tekonlogiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni;

   *Art 204D (1)(c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkustanzi permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma' -Omissis- minuri ta' 14-il sena, bil-hsieb li jitwettaq xi reat taht l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inkluzi, u 208A u dik il-proposta giet segwitu b'atti materjali li wasslu ghal dik il-laqgha.

   *Art. 208AA (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. Aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkostanzi ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi

**materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih innifsu jew haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni taht l-età.**

*Art. 208A ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

5. **Aktar talli fl-istess perjodu, lok, hin u cirkustanzi akkwista, xjentament akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirrapprezenta xi persuna ta' taht l-età.**

   *Art. 208A (1B) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq tordna ordni ta' trattament skont l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet finalment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbilit mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata dsatax (19) ta' Novembru, 2019 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 18 u 204C(1) tal-Kodici Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18 u 204D(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 18 u 208AA(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 18 u 208A(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikolu 18 u 208A(1B) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Fl-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi xehed **l-Ispettur Joseph Busuttil** li pprezenta certifikat tat-twelid tal-imputat, stqarrija tal-imputat tramite CD kif ukoll il-fedina penali tal-istess imputat.

Illi xehed il-vittma minuri **-Omissis-** b'mod awdjoviziv u li meta sar l-allegat reat kellu erbatax (14)-il sena. Jghid illi mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Hamrun flimkien ma' ommu. Ir-rapport kien jirreferi ghal siehbu Alexio fejn dawn kienu qeghdin jitkellmu fuq Messenger u fejn kienu tkellmu biex hu jibghatlu ritratt tal-parti tieghu u dan hekk kien ghamel. Dan kien gurnata qabel ma mar jirraporta. Jghid ukoll illi meta ltaqa' mieghu l-imputat kien prova

jbusu, jnezzghu u jaghmel xi affarijiet mieghu izda ma rnexxielux. Ghal dan jghid illi talbu l-flus talli prova jabbuzah jew inkella jirrappurtah. Dan jghid li tah is-somma ta' mitejn u ghoxrin ewro (€220) fejn bih xtara mobile u b'hekk indunat ommu. Ikkonferma wkoll illi l-imputat ma lahaq ghamel xejn mieghu ghaliex meta nizzillu l-qalziet ta' fuq dan kien pront rega' tellghu. Huwa kkonferma Dok. JB2 u JB3 fejn jghid illi dawk ir-ritratti kien hadhom hu stess tieghu nnifsu. Jghid ukoll illi meta ltqaghu l-minuri ried "igerriha" lill-imputat ghaliex dan kien wieghdu l-flus.

Illi xehed <u>Dr Lennox Vella</u> li pprezenta traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat immarkat bhala Dok. LV1.

Illi xehed <u>Dr Steven Farrugia Sacco</u> li jghid li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' April 2019 gie appuntat minn din il-Qorti sabiex janalizza l-profil tal-Facebook tal-imputat Alexio Camilleri u dan sabiex jigi determinat ic-chats li gew esebiti u mmarkati bhala Dok. JB1 kif ukoll chats ohrajn li potenzjalment setghu saru bejn l-imputat u l-vittma minuri -Omissis- u minuri ohrajn u cioè -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis- . Tali analizi gie redatt f'rapport immarkat bhala Dok. SFS1.

Illi xehdet <u>Tania Camilleri</u> li hija omm l-imputat li esebiet sett ta' ritratti li juru kif inhi mqassma d-dar taghha fejn ukoll joqghod it-tifel taghha Alexio Camilleri.[1]

Illi xehdet <u>Dr Ingrid Baldacchino</u> fejn din hija t-terapista tal-imputat u fejn tghid illi hija kienet qed tahdem ma' Alexio Camilleri fuq issues tal-passat. Ix-xhud iddeskriviet lill-imputat bhala persuna li mmatura tard f'hajtu u ma tantx kellu integrazzjoni socjali ma' hafna nies u dan ghaliex mill-familja tieghu kien sheltered hafna tant li meta kienet mietet in-nanna tieghu li maghha kien iqatta' hafna zmien, dan intilef u ma kienx jaf x'ser jaghmel f'hajtu. Ix-xhud tiddeskrivi lill-imputat bhala persuna "naive" hafna. Tghid li ghalkemm illum il-gurnata l-imputat ghandu sebgha u ghoxrin (27) sena dan qisu qed tahdem ma' persuna ta' wiehed u ghoxrin (21) fejn f'dan il-mument ghadu qed isib ruhu fid-dinja tax-xoghol u fis-socjetà. Ix-xhud qajmet punt importanti fejn tghid illi l-imputat huwa persuna responsabbli hafna imma minhabba n-nuqqasijiet li kellu meta kien qed jikber dan ghamlu hafna immatur u naive u li ma jafx x'inhi malizzja. Illi haga li turi dan huwa l-fatt illi huwa dejjem laghab ma' ohtu z-zghira daqs li kieku kien zghir daqsha.

[1] Dok. TC1, TC2 u TC3 a fol 175-177.

Illi xehdet Lousienne Camilleri prodotta mid-difiza li pprezentat tliet (3) ritratti, tliet (3) chats, screenshots u tliet (3) dokumenti. [2]

Illi xehdet Charlotte Falzon prodotta mid-difiza li din ix-xhud kienet l-ewwel li taghtu post tax-xoghol fejn tghid illi Alexio kien sincier mill-ewwel ghal dak li jirrigwarda l-kawza li ghandu l-Qorti. Tghid illi Alexio huwa persuna affidabbli hafna izda li ma tantx jinteragixxi ma' nies fis-sens illi dejjem gewwa mal-familja u dejjem jiehu hsieb lill-ghasafar li ghandu d-dar.

Illi xehdet l-Ufficjal tal-Probation Nolene Cassar fejn kienet intalbet mill-Qorti fuq talba tad-difiza biex tipprezenta social enquiry report u dan wara li tezamina lill-imputat Alexio Camilleri. Dan ir-rapport gie esebit bil-gurament fis-seduta tal-hdax (11) ta' Marzu 2024[3].

Illi xehdu Dr Veronica Ellul Federici u Dr Rachel Taylor East fejn dawn kienu nominati mill-Qorti fuq talba tad-difiza sabiex jezaminaw il-kapacitajiet mentali tal-imputat fejn dawn gew

[2] Fol 202 - 231.
[3] Dok. NC1 – a fol 301 et. seq.

elenkati f'rapport dettaljat u mmarkat bhala Dok. RTE1.[4] F'dan ir-rapport gie konkluz is-segwenti:

> *"**Opinion***
>
> *According to the Diagnostic and Statistical Manual Disorders (DSM-5) **Intellectual Disability** is a neurodevelopmental disorder that begins in childhood and is characterised by intellectual difficulties as well as difficulties in conceptual, social, and practical areas of living. The diagnosis of ID requires the satisfaction of three criteria as follows:-*
>
> 1. *Deficits in intellectual functioning – "reasoning, problem solving, planning, abstract thinking, judgment, academic learning, and learning from experience" – confirmed by clinical evaluation and individualised standard IQ testing;*
> 2. *Deificits in adaptive functioning that significantly hamper confirming to developmental and sociocultural standards for the individual's independence and ability to meet their social responsibility; and*
> 3. *The onset of these deficits during childhood.*

[4] Fol. 334 – 347.

*After reading the charges, after going through Mr. Alexio Camilleri's documents presented to us by the court and after having psychiatrically and psychologically examined Mr. Camilleri.*

- *Mr. Alexio Camilleri does not satisfy all three DSM criteria as indicated above.*
- *It is our opinion that Mr Alexio Camilleri has a lower than average IQ when compared to the general population. His FSIQ is above 70. In other diagnostic manuals (ICD-10), and previous editions of the DSM, having an IQ less than 70 was a criteria for diagnosis. Recently, this has been removed, and diagnosis is made as per above.*
- *Overall, Mr Camilleri seems to be functioning in his everyday life. He completed secondary education and obtained 2 O'Levels. He has always worked and currently holds a full-time job which he has had for the past 2 years. Mr Camilleri seems to be carrying out activities independently. Although he still lives with his mother, he uses public transport independently, takes care of his personal belongings and takes care of his*

*pets. He seems to be limited in terms of social relationships and interpersonal relationships, opting for a quieter, less social life.*

- *Mr Camilleri did not report any developmental issues (childhood), and while he may have struggled somewhat at school (reported bullying), he was not referred for professional input.*
- *It is our opinion that Mr. Alexio Camilleri may benefit from counseling or psychotherapy in view of presentation of low mood, sense of helplesness, aloof-approach to relationships, history of bullying and relationship with father."*

## <u>Ikkunsidrat</u>

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reità tal-imputat trid tigi ppruvata mill-Prosekuzzjoni 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha

tal-kaz u l-provi kollha inkluz dawk xjentifici u medici, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F'dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Dan qed jinghad ghaliex kif ser jigi spjegat aktar 'l isfel f'din is-sentenza, li din il-Qorti mhix konvinta illi l-imputat kellu l-*mens rea* necessarja li kien konxju li kien qed jikkommetti r-reat li lilu gie addebitat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat Alexio Camilleri qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 204C 2(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

*"(1) Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin.*

*(2) Il-piena stabbilita ghar-reat fis-subartikolu (1) ghandha tizdied bi grad jew żewg gradi fil-kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi li gejjin:*
*(a) jekk ir-reat isir fuq persuna ta' taht is-sittax-il sena bi vjolenza, sfurzar, forza jew theddid;*
*(b) meta jinghata flus jew ghamliet ohra ta' rimunerazzjoni jew korrispettiv b'kumpens ghal persuna ta' taht is-sittax-il sena li tkun qieghda tippartecipa f'attivitajiet sesswali; jew . . ."*

Illi mix-xhieda tal-minuri -Omissis- ma hargitx stampa cara jekk fil-fatt dawk l-atti li qed jigu allegati fil-fatt saru. Li hareg b'mod car kien ir-ritratt li ntbaghat mill-minuri lill-imputat li juri parti genitali allegatament tal-istess minuri. A rigward l-atti sesswali per se l-minuri daqqa jghid illi l-imputat talbu biex igerrihulu u pprova

jnezzghu izda a rigward l-ewwel att qatt ma kkonferma li fil-fatt sar u a rigward it-tieni dan jghid illi ma hallihx ghaliex imbaghad talbu l-flus.

Ta' min jinghad illi mill-atti johorgu profili totalment opposti minn naha 'l wahda tal-imputat li huwa persuna vulnerabbli u "naïve" kif spjegat mill-professjonisti li telghu jixhdu, u minn naha l-ohra l-minuri, li ghalkemm dak iz-zmien kellu erbatax (14)-il sena, kellu mohhu diga' offuskat b'affarijiet u lingwagg sesswali kif jidher mic-"chats" esebiti in atti minn oht l-imputat. F'dan il-kuntest ghalkemm hemm id-differenza ta' età bejn l-imputat u l-minuri, johrog ampjament car li l-minuri kellu aktar hazen mill-imputat. Xhieda ta' dan huwa l-fatt meta l-minuri -Omissis- talab il-flus lill-imputat meta dan tal-ahhar talbu biex jaghmillu xi atti sesswali.

Il-Qorti wkoll taghmel referenza ghat-testimonjanza ta' Dr Ingrid Baldacchino li ddeskriviet lill-imputat b'mod car fejn din tghid illi ghalkemm l-imputat huwa persuna "self-sufficient" fil-hajja ta' kuljum u huwa persuna pjuttost matur, madanakollu huwa persuna maghluq fih innifsu u bhala karattru huwa "naïve". Din id-dijanjozi giet kompletament ikkonfermata fir-rapport tal-esperti nominati

minn din il-Qorti Dr Rachel Taylor East u Dr Veronica Ellul Federici li jghidu li ghalkemm l-imputat ma jbatix minn *learning disability* huwa jbati minn diffikultajiet li dawn jistghu jinterferixxu fil-*judgment* tieghu. Fil-fatt jghidu illi bhala *cognitive abilities* huwa *below average*. Dr Taylor East tiddefinixxi lill-imputat bhala persuna vulnerabbli meta tghid[5]:

> *"Mela din l-istatement a venerable person m'hijiex xi haga medika, jigifieri m'hijiex diagnosis li tezisti. Meta nikkummenta jiena Dr. Taylor East fuq jekk xi had huwa vunnerabbli jew le qed naghmilha qiesu bl-informazzjoni li ghandi jiena bhala persuna umana okay. Ovjament bil-background tieghu fejn ghandi forsi iktar knowledge jew esperjenza man-nies on that level medically. Jekk huwiex vunerabbli heq so jiena nara li hemm sitwazzjonijiet fejn Alexio ghandu vunerabbilta' ghalfejn? Ghax ghandu l-intelligenza tieghu li huwa lower than average, huwa f'sitwazzjoni fejn hu jaghmel hafna hin wahdu u fil-fatt m'ghandux relazzjonijiet bhal hafna hbieb jew relazzjonijiet socjali, jew internet relationships. Huwa*

[5] Fol. 329.

*bniedem pjuttost izolat u hemmhekk qiesu nhoss li hemm certu vunerabbilita'".*

Illi bid-differenza tal-imputat, il-minuri -Omissis- huwa persuna pjuttost attiv fl-aspett ta' *social media* u relazzjonijiet ma' nies ohra u ghalhekk il-Qorti tqis li ghalkemm kien hemm differenza fl-età bejn l-imputat u l-minuri, din giet newtralizzata permess ta' din id-diskrepanza.

Fil-fatt, harsa lejn l-istqarrija tal-imputat, il-Qorti kompliet tikkonferma l-konvinzjoni taghha fejn l-imputat jghid illi kien ilu jaf lil -Omissis- peress li kienu t-tnejn ihobbu r-roti. Fil-fatt, ghalkemm jikkonferma li kien fl-istess klassi ta' ohtu li kienet izghar minnu, dan jghid illi ma kienx cert jekk kienx irrepeta sena u ghalhekk kien akbar minnha.

Illi ghaldaqstant, ghalkemm jidher illi xi tip ta' attività sesswali bejn il-partijiet saret, madanakollu din il-Qorti ma tistax tqis illi l-imputat seta' kellu l-*mens rea* necessarja sabiex ikun jaf li kien qed jikkommetti reat u dan ghar-ragunijiet elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza u ghalhekk l- akkuzi kollha kontra l-imputat mhumiex ippruvati.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-imputat Alexio Camilleri mhux qed jinstab hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati oltrè d-dubju dettat mil-ligi u ghalhekk qed jigi liberat minn kull htija u piena.

**----------------------------------------**
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**